# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 30 ta' Novembru, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**(Spettur Kylie Borg)**
**vs**
**Charles Agius**

**Kumpilazzjoni Numru: 585/2020**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Charles Agius, ta' 46 sena, bin il-mejtin Carmelo (k/a Charles) u Evelyn xebba Muscat, imwieled Attard fil-15 ta' Novembru 1974, residenti fil-fond 191, Phyllis, Triq Qrejten, Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita numru 27975M.

Akkuzat talli nhar is-26 ta' Frar 2020, u fil-granet, gimghat, xhur u snin ta' qabel din id-data, fis-Siggiewi u f'dawn il-gzejjer:-

1. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

2. Zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew f'iddintorni tieghu diversi armi tan-nar, jew

munizzjoni elenkati fi Skeda II tal-Att rigward l-armi, minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

3. Akkwista jew kellu f'idejh xi armi tan-nar, jew munizzjoni xort'ohra milli ghax kellu licenzja, m'avzax lill-Kummissarju;

4. U aktar talli minghajr licenzja tal-Kummissarju, ghamel tibdiliet jew ittanta jaghmel tibdiliet f'arma tan-nar, hekk li tinbidel il-klassifikazzjoni ta' dik l-arma tan-nar u cioe' arma tal-Marla Izimash;

5. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu diversi apparat iddisinjat sabiex johnoq jew inaqqas il-hoss ta' sparatura ta' arma tan-nar;

6. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu forma ta' gas tad-dmugh.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-Ligi, tordna lil Charles Agius sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-iudjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali tieghu li hija kwazi netta.

Ghal dawn il-motivi -Qort, wara li rat l-artikolu 334(a) b'referenza ghall-artikolu 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 3(a), 5(1), 41, 45, l-Ewwel Skeda u t-Tieni Skeda tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospieza ghal-perjodu ta' erbgha (4) snin** u **multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500)** li ghandha

tithallas fi zmien sena. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna **l-konfiska ta'l-armi kollha** li huwa esebiti f'l-atti ta'l-inkjesta relattiva u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 57 ta'l-istess Kapitolu 480 qed **tissosspendi u tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja taht l-imsemmi Kapitolu 480**. In konkluzjoni, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna lill-imputat **ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti l-ispejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti** f'l-atti ta'l-inkjesta relattiva; il-hlas ghandu jsir fi zmien sitt xhur minn meta ssir it-talba ghall-hlas.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**